**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 458/2010/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Peter sive Pierre Falzon**
*Omissis*

Illum it-tmienja (8) ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra

l-appellant **Peter sive Pierre Falzon**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 535060(M)

u

*Omissis*

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Lil **Peter sive Pierre Falzon** waħdu talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Mejju 2009 u/jew fil-jiem, ix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li kienu ġa ffurmati jew magħluqa;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, meta kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kienux;

3. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, ħareġ minn taħt idejh skrittura f'forma legali, u taha bħala kopja ta' att pubbliku meta dan l-att ma kienx jeżisti;

4. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

5. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli preċedenti għall-Artikolu 184 fis-Sub-titolu II tat-Titolu V f'Taqsima II tal-Kodiċi Kriminali;

6. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn skrittura privata falza, liema skrittura setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;

7. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

8. fis-27 ta' Diċembru 2007, b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lil Peter Agius fl-atti illi bihom dan, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' sitta u tmenin elf, mija u sitta u tmenin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€86,186.82) għad-dannu ta' Geot Developments Limited (C 34387) u/jew Mary Violet Mifsud mill-Ħamrun u/jew Ronald Mifsud mill-Ħamrun;

Lil ***Omissis*** waħdu talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Diċembru 2007:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' sitta u tmenin elf, mija u sitta u tmenin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€86,186.82) għad-dannu ta' Geot Developments Limited (C 34387) u/jew Mary Violet Mifsud mill-Ħamrun u/jew Ronald Mifsud mill-Ħamrun;

2. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lil Peter sive Pierre Falzon fl-atti illi bihom dan, meta kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza

jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kienux;

3. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lil Peter sive Pierre Falzon fl-atti illi bihom dan, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

4. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali b'żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 10 ta' Novembru 2005 u 27 ta' Settembru 2007 rispettivament.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti:

- Fir-rigward ta' <u>Peter sive Pierre Falzon</u>, filwaqt li ma sabitux ħati tar-reati addebitati lilu fl-ewwel (1) u s-seba' (7) imputazzjoni u lliberatu minnhom, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 42, 180 (li jagħmel riferenza għall-Artikolu 179), 181, 184, 187, 188, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Peter sive Pierre Falzon ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tat-tmien (8) imputazzjoni u kkundannatu sentejn priġunerija.

Għall-fini ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat Peter sive Pierre Falzon ikun skwalifikat milli jkollu jew jikseb għal żmien ħames (5) snin, il-*warrant* ta' Nutar Pubbliku f'Malta.

B'applikazzjoni ta' Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat Peter sive Pierre Falzon għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa u għal dan il-fini ordnat li s-sentenza minnha mogħtija tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

- Fir-rigward ta' *Omissis*, wara li rat Artikoli 17, 42, 180, 188, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni iżda mhux ħati tal-addebitu tar-reċidiva miġjuba fir-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu għoxrin (20) xahar priġunerija iżda b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li s-sentenza minnha mogħtija ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

  *Ai termini* ta' Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat *Omissis* fi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabilitajiet tiegħu taħt Artikolu 28B jekk matul il-perjodu operattiv huwa jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż taħt Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li qieset li ma kienux ġew maħtura l-ebda esperti.

Finalment, għall-finijiet ta' Artikoli 10(7) u 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza minnha mogħtija tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.

Rat ir-Rikors tal-appellant Peter sive Pierre Falzon ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:*

*(a) **Tikkonfermaha** fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati u minnha lliberatu ċioè l-ewwel (1) u s-seba' (7) imputazzjonijiet.*

*(b) **Tħassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu ħati u ċioè t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u t-tmien (8) imputazzjonijiet u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi.*

***Alternattivament, u mingħajr preġudizzju**, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023 (*a fol.* 658 *et seq,*) din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex hija tissospendi l-proċeduri quddiemha sakemm tiġi deċiża l-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Peter sive Pierre Falzon vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Numru 15/2022/2).

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 2025 fl-ismijiet **Peter sive Pierre Falzon vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Numru 15/2022/2).

Rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "MF 1" – *a fol.* 673 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa fil-konfront tal-appellant Peter sive Pierre Falzon.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Diċembru 2021. Għal kull buon fini jingħad li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ngħatat fil-konfront ta' żewġ persuni, ossia l-appellant Peter sive Pierre Falzon u Peter Agius, b'dan illi minn din is-sentenza appella biss l-appellant Peter sive Pierre Falzon. Din is-sentenza tallum tirrigwarda l-appell imressaq mill-appellant Peter sive Pierre Falzon.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw każ ta' trasferiment ta' proprjeta' b'dana illi l-ko-imputat Peter Agius daħal fi sħab ma' kumpannija Geot Developments Limited sabiex jiżviluppaw art li tinsab fi Triq il-Baċir il-Ġdid, Raħal Ġdid. Jidher li s-soċjeta' Geot Developments Limited kienet ħadet xi self mill-bank HSBC sabiex tiffinanzja l-parti tagħha mill-iżvilupp. Il-proprjetajiet in kwistjoni kienu suġġetti għal drittijiet ipotekarji mill-bank *de quo*. Permezz ta' konvenju f'Diċembru 2007 fl-atti tal-appellant in-Nutar Falzon, Peter Agius wiegħed li jbiegħ lil Mary Violet Mifsud il-*penthouse* numru 5 fil-blokka bl-isem "Stream Apartments". Sussegwentement fil-11 ta' Settembru 2008 (Dok. "AG 3" – *a fol.* 65 *et seq.*), Mary Violet Mifsud, permezz ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia tat bħala garanzija l-*penthouse* in kwistjoni. Meta n-Nutar Farrugia għamlet ir-riċerki rriżultaw problemi dwar id-drittijiet ipotekarji tal-bank fuq il-proprjeta' in kwistjoni meta din ġiet trasferita libera u franka minn tali drittijiet ipotekarji. Meta vverifikat mal-bank irriżulta li l-bank HSBC qatt ma kien naqqas l-ipoteki u l-privileġġi fuq din il-proprjeta' u dana minkejja li fit-18 ta' Frar 2008 (Dok. "EF" – *a fol.* 143 *et seq.*) fl-atti tal-appellant saret ir-riduzzjoni in kwistjoni. Minbarra dan sussegwentement irriżulta wkoll li meta sar it-trasferiment minn Geot Development Limited lil Mary Violet Mifsud, Peter Agius ma

kienx debitament awtorizzat minkejja li kien hemm *board resolution* tas-soċjeta' in kwistjoni li turi hekk. Fi kliem ieħor il-*board resolution* allegatament kienet ġiet falsifikata. In vista ta' dan, permezz ta' kuntratt fl-atti tal-appellant magħmul fit-12 ta' Mejju 2009 (Dok. "HT 1" – *a fol.* 466 *et seq.*) ġie rexiss il-kuntratt bejn Mifsud u Geot Developments Limited u ġew ripristinati d-drittijiet tal-bank HSBC. Evenwalment l-appellant u Peter Agius ġew mixlija l-Qorti u ġew akkużati bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi l-ewwel żewġ aggravji ser jiġu kkunsidrati flimkien peress li huma simili.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-elementi formali tar-reat ma ġewx pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għal konklużjoni li waslet għaliha minħabba li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jargumenta li l-elementi formali tar-reati addebitati lilu bħala awtur ma ġewx pruvati sal-grad rikjest mil-liġi da parte tal-Prosekuzzjoni. Jgħaddi sabiex jitratta rigward l-elementi vitali sabiex ir-reati kontemplati f'Artikoli 180, 181, 184, 187(1)(2) u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżultaw fl-isfond tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Fir-rigward ta' Artikolu 180 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant jgħid li kellhom jiġu pruvati li huwa kien uffiċċjal pubbliku li fil-kariga tiegħu jikteb atti, li b'qerq biddel is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom billi jniżżel pattijiet diversi minn dawk dettati u li għalhekk iddikjara bħala veri fatti foloz. Ikompli li għalhekk irid jiġi ppruvat li huwa aġixxa bl-intenzjoni li jinganna.

Illi l-appellant jirreferi għan-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo u għal ġurisprudenza u jirreferi għal dak li xehed Peter Diacono meta kkonferma li l-firma fuq ir-riżoluzzjoni tal-*board* kienet tiegħu. Jgħid li dan iservi sabiex tiġi konfermata t-teżi tiegħu li din il-firma serviet ta' konfort li l-fotokopja tar-riżoluzzjoni kienet fil-fatt awtentika. Ikompli li l-fatt li r-relazzjoni lavorattiva ta' bejnu u Peter Agius tmur lura għal aktar minn tletin (30) sena, serviet sabiex ma għamilx il-verifiki neċessarji. Jirreferi għas-sentenza appellata fejn din tgħid li ma kienx hemm prova li hu (l-appellant) wettaq il-falsifikazzjoni. Isemmi li n-nuqqas tiegħu ma għandu qatt iservi sabiex tiġi skartata l-prova neċessarja li huwa aġixxa b'intenzjoni malizzjuża. Jilmenta dwar il-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti u jgħid li ma tressqitx prova tal-element tal-konsapevolezza. Ikompli li anke jekk fil-peġġor ipoteżi ġie pruvat xi element ta' konsapevolezza dan ma jistax iwassal li r-reati addebitati lilu fil-fatt irriżultaw. Isemmi li anke l-istipulazzjoni fil-kuntratt ġiet meqjusa mill-Ewwel Qorti li kien

hemm falsifikazzjoni u din hija misinterpretazzjoni tal-provi. Ikompli li din l-istipulazzjoni kienet tfisser li huwa verament kien jaħseb li Agius kien qed jidher għal kumpannija Geot Developments Limited. Jgħid li l-possibbilita' li jitqabbad rappreżentant tal-kumpannija tirriżulta mill-Memorandum tal-istess kumpannija. Jgħid li l-aġir tiegħu seħħ bi traskuraġni. Rigward il-provi ċirkostanzjali jispjega li ma hemmx provi oħra marbuta magħhom.

Illi rigward il-kuntratt ta' kanċellament tal-ipoteka tat-18 ta' Frar 2008 u n-nota ta' riferenza tas-6 ta' Marzu 2009, l-appellant jgħid li l-element tad-*dolo* neċessarju ma jirriżultax. Isemmi li l-fatt li dawn id-dokumenti ġew pubblikati juri li l-intenzjoni tiegħu kienet li jkun hemm trasparenza. Ikompli li dan jiġi rafforzat mill-fatt li huwa ma għamel l-ebda gwadann. Isemmi li l-Ewwel Qorti ma qisitx li bir-retifikazzjoni tal-att korrettorju huwa poġġa l-partijiet fil-pożizzjoni li kienu qabel.

Illi dwar l-aggravji in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li fit-transazzjoni in kwistjoni seħħew dak li l-appellant jirreferi għalihom bħala żewġ żbalji. Dawn l-iżbalji kienu jikkonsistu fis-segwenti:

- f'użu ta' riżoluzzjoni tal-Bord tal-kumpannija Geot liema riżoluzzjoni rriżulta li ma kinitx ġenwina; u

- f'reġistrazzjoni ta' *waiver* tad-drittijiet ipotekarji mogħtija minn naħa tal-bank HSBC fir-rigward tal-proprjeta' li kienet is-suġġett tat-transazzjoni mingħajr mal-bank HSBC fil-fatt awtorizza tali *waiver*.

Illi fir-rigward tal-ewwel dokument l-appellant jgħid li dan inġieb lilu u li huwa kiteb fuqu li hu kien vera kopja ta' dokument anness u transultat fl-atti tiegħu. Fix-xiehda tiegħu l-appellant jgħid li huwa ma kienx wettaq il-verifiki neċessarji dwar dan id-dokument minħabba li ma kellux għalfejn jiddubita minnu stante li l-ko-imputat l-ieħor kien klijent regolari tiegħu u li qatt ma qamu kwistjonijiet simili miegħu. Fir-rigward tal-*waiver*, l-

appellant jispjega li dan kien żball minħabba li l-verżjoni li ġiet reġistrata inqabdet bi żball mad-dokumenti. Jispjega li kien ipprepara dokument b'żewġ *waivers* iżda meta sar jaf li l-HSBC kienu approvaw waħda biss huwa qata' it-tieni *waiver* iżda bi żvista ġie reġistrat il-kuntratt b'żewġ *waivers*.

Illi rigward il-punt jekk l-appellant għamilx xjentement użu mir-riżoluzzjoni tas-soċjeta' Geot Developments Limited, l-Ewwel Qorti kienet ċara meta qalet li hija kienet konvinta li l-appellant kien ben konxju li dik ir-riżoluzzjoni ma kinitx awtentika. Minn qari tad-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-appellant jgħid li l-ko-imputat l-ieħor kien fuq konvenju ma' Geot bi dritt ta' sostituzzjoni għalhekk dejjem fi kliem l-appellant meta ġie biex jagħmel il-konvenju ma' terz ma kellux bżonn ta' awtorizzazzjoni. Iżda meta sussegwentement reġa' ġie mistoqsi dwar il-konvenju li allegatament Agius kellu ma' Geot, din il-Qorti ħadet l-impressjoni li l-appellant kien aktar konfużjonarju fuq dan il-punt u li ma kienx hemm tant ċertezza dwar jekk rax konvenju jew le.

- Meta ġie mistoqsi minn fejn ġiet ir-riżoluzzjoni tal-bank huwa jgħid li din x'aktarx nġiebet minn xi impjegati tiegħu meta kienu qed jippreparaw id-dokumenti għat-transazzjoni.

- Meta mistoqsi dwar id-dikjarazzjoni magħmula minnu rigward l-awtentiċita' tar-riżoluzzjoni l-appellant jgħid li huwa ma għamilx li din hija kopja tal-oriġinal minħabba li huwa qatt ma kien ra l-oriġinal.

Illi rigward il-*board resolution* din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li mix-xiehda tal-appellant joħroġ ċar li hu kien ben konxju li d-dokument li ġie quddiemu ma kienx l-oriġinal. Dwar dan din il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tax-xiehda tal-appellant

fejn mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tiegħu jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 403):

> "Xhud: Sa fejn naf jien kienet *photocopy* pero jien biex inkun *on the safe side*, b'state li kienet *photocopy* transultajta fl-atti tiegħi biex *sort of* tkun oġġett pubbliku.
>
> Pros.: Transultajtha biex tkun dan. Hawn hekk int akkużat li għamilt dikjarazzjoni falza, u falsifikajt xi dookment. Dan qed jiġi ... għal *board resolution*. Inti x' kienet il-kwistjoni ta' din il-*board* u x'awtentikajt?
>
> Xhud: Le, il-*board resolution* kienet *photocopy* fejn jiena kont awtentikajt li kien dokument anness mal-parti tiegħi. Qatt ma għidt li dak id-dokument hu oriġinali, imma hekk tarah illum mhux oriġinali, qatt ma stajt ngħid li niċċertifika li hu.
>
> Pros.: Jiġifieri inti ma għamiltx ...*copy*.
>
> Xhud: *Of the original*, żgur li le għax l-oriġinali ma rajtux, dan stat li kienu saru kuntratti oħra, minn din il-kumpannija jiġifieri għal hekk."

Illi minn qari ta' din il-parti tax-xiehda jirriżulta li l-appellant kien konxju li kien hemm riskju f'dak li kien qed jagħmel tant huwa hekk li jgħid li huwa ma kitibx li dan id-dokument kien kopja tal-oriġinal għax huwa qatt ma ra l-oriġinal. Minn dan din il-Qorti tikkunsidra li l-appellant ġab ruħu b'dan il-mod mhux biss minħabba li huwa ma kienx ra l-oriġinal iżda wkoll minħabba li kien ben konxju li r-riżoluzzjoni ma kinitx waħda tajba. Ma jagħmilx sens mod ieħor għax minn naħa huwa jgħid li ma kellux għalfejn jiddubita mill-ġenwinita' tar-reżoluzzjoni waqt li f'nifs ieħor bl-aġir tiegħu huwa jilqa' għal fatt li r-riżoluzzjoni setgħet ma kinitx awtentika. Minbarra dan din il-Qorti tinnota li għalkemm l-appellant ma għandu għalfejn jipprova xejn, waqt ix-xiehda tieghu huwa jindika li din ir-riżoluzzjoni setgħet ġiet

imħollija l-uffiċju tiegħu iżda lanqas tressaq ħadd mill-impjegati tiegħu biex dan jiġi korroborat.

Illi rigward il-*waiver,* din il-Qorti issib il-verżjoni mogħtija mill-appellant inverosimili. Din il-Qorti tgħid dan fil-kuntest tal-konvinċiment tagħha li l-appellant xjentement għamel użu minn *board resolution* falsifikata. Minbarra dan, il-konvinċiment ta' din il-Qorti jirriżulta wkoll mill-fatt li skont il-kwerela mibgħuta mill-HSBC fit-8 ta' April 2009 (Dok. "EM" – *a fol.* 109 *et seq.*) jirriżulta li l-kuntratt ta' bejgħ bejn Peter Agius u Mifsud seħħ fis-27 ta' Diċembru 2007 waqt li mill-kuntratt ta' riduzzjoni (Dok. "EF 1" – *a fol.* 143 *et seq.*) jirrizulta li dan sar fit-18 ta' Frar 2008 u din ir-riduzzjoni ġiet reġistrata fis-6 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 145). Dan id-dewmien fiż-żmien iwassal lil din il-Qorti tikkunsidra li tali ċirkostanzi ma kienux inċident. Kieku kienet kwistjoni li d-dokument inqabad ma' dokumenti oħra r-reġistrazzjoni kienet isseħħ ferm qabel. Għalhekk mhux kredibbli l-verżjoni mogħtija mill-appellant.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji jsegwi li dawn l-aggravji qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tidħol fil-punti minnu mqajjma waqt it-trattazzjoni. Jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tidħol fid-differenza bejn reat kriminali ta' Nutar u negliġenza. Jispjega li huwa bil-ġurament spjega li dan kien żball ġenwin ta' persuna *overworked.*

Illi rigward dan l-aggravju, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji u tapplikahom fir-rigward tal-aggravju in eżami. Għal kull buon fini jingħad li l-Ewwel Qorti ma emmnitx li l-aġir tal-appellant kien frott ta' żball jew għax kien *overworked.* Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tasal għal din l-istess konklużjoni u dana wara li qieset x'ingħad minnha fir-rigward tal-ewwel żewġ

aggravji bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti piż xieraq lil dak stabbilit taħt Artikolu 44 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-fini ta' kompliċita' tiegħu fir-reat ta' truffa *ai termini* ta' Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant isemmi li sabiex jirriżulta r-reat kontemplat taħt Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta irid jirriżulta xi forma ta' profit jew gwadann in ġust ta parti tal-imputat. Jispjega li mkien ma ġie ppruvat li huwa qala' xi ħaġa mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ikompli li fil-kuntest tal-kompliċita' irid ikun hemm komunikabilita'. Jispjega li huwa ma kellu l-ebda intenzjoni frawdolenti u wisq anqas għamel xi profitt inġust. Jisħaq li ma jifhimx kif l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li r-relazzjoni tax-xogħol ma' Agius kienet fil-fatt prova li hu (l-appellant) ried jaġevolah (lil Peter Agius). Ikompli li bil-kontra t-tul tar-relazzjoni għandha timmilita favur tiegħu (l-appellant) għax skont huwa dan juri li fi tletin sena ma kienx involut fi kwistjonijiet simili.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant ħati li wettaq ir-reat taħt Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda sabitu ħati ta' kompliċita f'dan ir-rigward. Din il-Qorti qajla tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward tenut kont ta' dak li qalet aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li l-appellant aġixxa b'mod li għen lill-ko-imputat l-ieħor meta huwa xjentement għamel użu mill-*board resolution* u meta huwa rreġistra tnaqqis fid-drittijiet ipotekarji tal-bank HSBC mingħajr ma dan kien realment seħħ.

Illi l-elementi neċessarji sabiex jissussiti kompliċita f'reat ġew spjegati ferm tajjeb fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antonio Borg et** (Numru 99/2017) fejn din il-Qorti diversament qalet hekk:

"30. Il-kompliċita' fil-kummissjoni ta' reat isseħħ meta persuna:

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew

(b) tkun ġielgħet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew

(c) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew

(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew

(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.[1]

31. Irid jirriżulta d-diżinn komuni bejn l-awtur u l-kompliċi ossija dak li huwa komunement magħruf bħala

[1] "Skont il-Professur Sir Anthony Mamo, **Notes on Criminal Law**, Volume I, sabiex persuna titqies komplici l-aġir tagħha jrid ikun volut u magħmul:

> With the purpose of assisting the perpetration of that offence...a defendant charged as an accomplice must be proved to have done something in furtherance of a common purpose i.e. he must procure, incite or, in some other way specified in the law, encourage or assist in the act done by the principal...In order that it may be said that a man has concurred in an offence committed by another, it is necessary that he should have done some effort for the offence to be committed so that a causal connection can be traced between such an effort and the commission of the offence."

*common design* – l-istess ħsieb li jirnexxi fil-pjan li jakkomuna lilu u lill-awtur tar-reat. Il-kompliċi jrid ikun konxju tal-ħsieb li l-awtur tar-reat ikollu f'moħħu li jwettaq, irid ikun jaf dan il-ħsieb x'inhu, u l-kompliċi jrid ukoll ikun intenzjonat illi jwettaq xi ħaġa li permezz tagħha l-att kriminuż li jkun f'moħħ l-awtur tar-reat ikun jista' jirnexxi. M'hemmx għalfejn li l-kompliċi jwettaq azzjoni ta' kommissjoni; huwa biżżejjed li l-azzjoni tal-kompliċi tkun limitata għal support morali u psikoloġiku sabiex isaħħaħ ir-rieda tal-awtur tar-reat biex dan tal-aħħar iwettaq ir-reat. Allura anke s-sempliċi appoġġ lill-awtur tar-reat jista' jikkwalifika persuna bħala kompliċi, dment li jkun hemm id-diżinn komuni bejniethom. Lanqas huwa neċessarju li l-pjan kriminuż jirnexxi, għaliex skont il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu, huwa suffiċjenti li jkun hemm biss il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem.[2]"

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, fil-fehma tagħha minn analiżi tal-fatti jissussistu l-elementi neċessarji sabiex l-appellant seta' jinstab ħati ta' kompliċita' fit-twettieq tar-reat *ai termini* ta' Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[2] "Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kenneth Camilleri** deċiż nhar il-15 ta' Jannar 2015 intqal:

> "Illi l-*common design* u ċioè "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it" huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi, u allura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi Kenneth Micallef a bażi tal-Artikolu 43(d) irrenda ruħu kompliċi billi "b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat."

Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ahmed El Fadali Enan** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2018 ġie mistqarr:

> "Kwindi irid ikun hemm dak komunement indikat bħala l-'*common design*' bejn l-awtur u l-kompliċi u l-komportament tal-kompliċi irid ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi. In oltre l-Professur Mamo, jindika b'mod ċar li trid tirriżulta mill-inqas il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni intiera, fejn allura l-kompliċita' tista tirriżulta ai fini ta' reati tentati skont id-dettami tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali.""

F'dan ir-rigward ma kienx hemm għalfejn jiġi ppruvat qligħ minn naħa tal-appellant u dana peress dak li ried jiġi ppruvat huwa li l-appellant xjentement assista lill-ko-imputat l-ieħor fil-preparazzjoni u l-konsumazzjoni tad-delitt. Kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma aċċettatx il-verżjoni mogħtija mill-appellant u qieset li huwa aġixxa b'mod li għen lill-ko-imputat l-ieħor fil-perpetrazzjoni tal-frodi. Tenut kont ta' dan, anke l-aggravju in eżami ma huwiex mistħoqq bil-konsegwenza li qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti. Huwa jisħaq li tali piena hija waħda eżaġerata. L-appellant jirreferi għal dak li ngħad fis-sentenza appellata meta ngħad li huwa uffiċċjal pubbliku u b'hekk l-Ewwel Qorti qalet li kellha idejha marbutin. Jgħid li dan ma kienx korrett minħabba li l-fatt li kien uffiċjal pubbliku huwa element essenzjali tar-reat u mhux aggravanti. Jargumenta li l-fatt li huwa kien Nutar ma kellux jintuża kontra tiegħu. Jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wisq eżaġerata u krudili speċjalment meta jitqies li l-ko-imputat l-ieħor ingħata sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq li għandu jitqies bħala regola ġenerali, din il-Qorti tinnota wkoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant taqa' fil-parametri tal-liġi

fir-rigward ta' dak li huwa ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti.

Illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena fil-konfront tal-appellant allura imputat Falzon, l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti fis-sentenza appellata (*a fol.* 584 *et seq.*):

> "**Kwantu għall-imputat Pierre Falzon**, il-Qorti trid tagħmilha ċar li r-reat ta' falsifikazzjoni, *multo magis* meta si tratta ta' falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku huwa reat serju ħafna proprju għaliex huwa reat kontra l-fiduċja pubblika, ċioè dik il-fiduċja li suppost inisslu atti li jkunu jġibu l-firma ta' Nutar Pubbliku. Dan ir-reat jassumi gravita' partikolari meta jiġi kommess min-Nutar innifsu, l-uffiċjal pubbliku li ġie rikonoxxut u fdat mill-Istat sewwasew b'dik il-fiduċja pubblika. Fiduċja pubblika li mbagħad huwa spiċċa ittradixxa. Għalhekk ma hemmx dubbju li f'dan il-każ il-piena għandha tkun waħda karċerarja u dan biex tenfasizza l-gravita' ta' dak li għamel l-imputat kif ukoll biex topera bħala deterrent għall-uffiċjali pubbliċi li bħall-imputat Falzon, huma muniti bil-fiduċja pubblika. Ħadet qies ukoll tal-gravita' tar-reat ta' kompliċita' f'truffa u frodi nnominat, fejn l-ammont tal-ħsara kien ta' valur ta' mhux inqas minn €65,000.
>
> Mil-lat l-ieħor iżda, kif sewwa sottomettiet id-difiża, il-partijiet kollha li b'xi mod kienu involuti bħala vittmi f'dawn ir-reati, reġgħu tqiegħdu lura fil-pożizzjoni oriġinali tagħhom mingħajr ma ntwera li xi ħadd minnhom soffra xi danni jew telf materjali attwali – għalkemm, għandu jingħad, li dan kollu sar mhux b'mertu tal-imputati jew xi wieħed minnhom iżda biss bil-ħila tan-Nutar Elena Farrugia li wettqet xogħolha kif suppost.
>
> Għandu jittieħed qies ukoll tal-fatt illi r-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat Falzon jissodisfaw l-

> elementi tar-reat kontinwat kontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk ser jitqiesu bħala reat wieħed. Ukoll il-fatt illi l-fedina penali tal-imputat Falzon turi li qatt qabel it-twettiq ta' dawn ir-reati, ma kien ikkommetta xi reat, lanqas wieħed ta' natura kontravvenzjonali. F'kull każ, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' diversi mir-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat, għandha tingħata kwantu għal dawn ir-reati, biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-kaz huwa r-reat taħt l-Artikolu 180 tal-Kap. 9 li jagħmel referenza għall-Artikolu 179 tal-istess Kap. 9."[3]

Illi din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-perjodu ta' żmien li ħa dan il-każ sabiex illum jiġi definittavament deċiż u kif ukoll il-fedina penali tal-appellant li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti. Apparti minn dan, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni b'mod partikolari ta' dak li jiriżulta fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "MF 1" – *a fol.* 673 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa fil-konfront tal-appellant. Tenut kont ta' dan kollu u mingħajr ma' din il-Qorti b'xi mod jew ieħor tnaqqas mis-serjeta' tan-natura tal-imputazzjonijiet li l-appellant allura imputat Falzon ġie misjub ħati tagħhom, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju in eżami għandu jiġi milqugħ fir-rigward tal-piena ta' sentejn priġunerija. Għaldaqstant ser ikun hemm temperament f'din il-piena b'dan illi din il-Qorti ser tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena ta' sentejn priġunerija effettiva u minflok ser tikkundanna lill-appellant għal piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun wieħed sospiż.

Illi finalment din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija**

[3] "Tosserva wkoll illi fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat, il-piena għar-reat taħt l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, kien ta' priġunerija bejn tlettax-il xahar u sentejn u ma tapplikax il-piena fis-seħħ illum, kif miżjuda bl-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014."

**vs. Adrian Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Peter sive Pierre Falzon u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Falzon ġie kkundannat sentejn priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant Falzon għall-perjodu ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin millum;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-appellant Falzon fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**